MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Mandat Numru. 1109/2013/1

**Jeffrey Farrugia ID 354869(M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur Generali tad-Dipartiment Propjeta` tal-Gvern Iman Schembri ID 56266M**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Lulju 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati minnu bil-gurament, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat –

*milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu …is-sit maghruf bhala "Ex-Moyniham House" gewwa Saint George's Bay, San*

*Giljan. Illi b`mod partikolari li jinzamm milli jassenja l-istess propjeta` b`koncessjoni emfitewtika ghal perijodu ta` hamsa u sittin (65) sena skond Advert No. 102.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta` Lulju 2013 li bih il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimati b`terminu abbrevjat ta` hamest ijiem ghar-risposta li kellha tkun notifikata lid-difensur tar-rikorrenti u fejn ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-lum 31 ta` Lulju 2013 fid-9.00 a.m.

Rat li l-intimati kienu notifikati fis-26 ta` Lulju 2013.

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fit-30 ta` Lulju 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum. In partikolari fejn min-naha tal-intimati kien hekk dikjarat –

*Iman Schembri fil-vesti ufficjali tieghu ta` Kummissarju ta` l-Artijiet u direttur Generali fid-Dipartiment tal-Propjeta` tal-Gvern jiddikjara ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi illi d-Dipartiment ta` l-Artijiet ma ghandu ebda hsieb ibiegh, jassenja, inehhi, jittrasferixxi jew jiddispopni inter vivos jew b`titolu oneruz jew gratuwitu s-sit maghruf bhala "Ex Moyniham House" gewwa St George`s Bay San Giljan sakemm il-kawza fl-ismijiet "Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et" (Rikors Guramentat Numru 169/2013 AE) tigi deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta.*

Semghet fl-istess udjenza is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat l-atti tar-rikors

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Il-**<u>generalita`</u>** tal-kazi huma regolati bl-**<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Fejn pero` t-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b'kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, (**<u>bhal ma huwa l-kaz tal-lum</u>**), iridu jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**<u>Art.873(3) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-*

*ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

**Ghal din il-Qorti huwa ben evidenti illi bid-dikjarazzjoni ufficjali li saret llum mill-intimat mhuwiex sodisfatt ir-rekwizit rikjest mill-ewwel parti tas-subinciz (3) tal-Art 873. U billi l-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma <u>kumulativi</u> u mhux alternattivi, jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija <u>obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat.**

**Din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat stante illi ma jirrizultawx ir-rekwiziti kollha rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-istess. Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------